Kitba ta'
Patri Martin Borg OCD

# Il-Kappella Maġġuri fil-Knisja Konventwali ta' Santa Tereża ta' Ġesù Bormla



Il-faċċata tal-knisja ta' Santa Tereża - Bormla

L-ewwel ġebla tal-knisja konventwali ta' Santa Tereża tqiegħdet mill-Isqof ta' Malta Mons. Baldassere Cagliares xi jum wara l-Ħadd fuq l-ottava ta' l-Epifanija tal-Mulej tas-sena 1626, u kienet lesta fis-sena 1632 kif tidher minn data minquxa mas-saqaf tal-presbiterju. Il-pjanta u l-bini kienu f'idejn il-Capitano Antonio Gazzini (Garzin), Franċiż minn Marsilja; li nafu li kien arkitett bennej u skultur (*scalpellino*), barra milli jinnegozja fil-qamħ. Din tista' tkun ir-raġuni li għaliha fid-dokumenti li għandna f'idejna hu msejjaħ *Capitano* u mhux bħas-soltu *Mastro*.[1]

## Il-Kappella Maġġuri

Il-knisja hija magħmula minn korsija, sitt kappelli fil-ġnub, presbiterju għall-artal maġġur u kor fuq wara ta' l-artal mgħotti bi prospettiva sabiħa xogħol fil-barokk. Din il-prospettiva ddawwar il-kwadru titulari kbir bi gwarniċa doppja, b'żewġ kolonni kull naħa bil-bażi tagħhom skolpiti b'medaljun fin-nofs li juru erba' qaddisin ta' l-Ordni Karmelitan, Santa Ewfrasja, Sant'Anġlu Martri, Sant'Albert ta' Trapani u Santa Ewfrosina. Il-fatt li San Ġwann tas-Salib mhux inkluż fost dawn il-qaddisin jista' jikkonfermalna li din il-prospettiva nbniet qabel l-1675 is-sena li fiha l-qaddis kien beatifikat. Il-prospettiva

tispiċċa bi frontispizju li jdawwar kwadru tal-Missier etern u fil-ġnub żewġ pari anġli jżommu l-istemmi ġentilizji ta' Santa Tereża ta' Ġesù jiġifieri *De Cepeda* min-naħa tal-missier u *De Ahumada* min-naħa ta' l-Omm. Oriġinarjament żgur li dawn kienu stemmi ta' xi nobbli oħra benefatturi tal-knisja. Meta tifli mill-viċin l-anġli li qed iżommuhom ifakkruk fl-iskultur famuż Melchiorre Gafà. Qabel l-artal maġġur li hemm illum kien hemm ieħor ħafna iżgħar li kien jidħol bejn il-kolonni eżatt taħt il-kwadru titulari. Dan l-artal kellu fuqu l-arma tal-familja nobbli Testaferrata.

## Il-Kwadru Titulari

Konxji tal-fatt li kellhom jiddedikaw il-knisja ġdida tagħhom lill-Madonna tal-Karmnu u lil Santa Tereża ta' Ġesù, il-Patrijiet għażlu bħala suġġett għal kwadru titulari fuq l-artal maġġur tal-knisja, l-estasi ta' Santa Tereża, li kienet ġrat nhar il-festa ta' l-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema tas-sena 1561 fil-knisja tad-Dumnikani ta' San Tumas. F'dan il-kwadru kbir impitter mill-Kavallier Fra Luca Garnier madwar is-sena 1640, il-Madonna tiddomina l-kwadru waqt li qiegħda tpoġġi kullana tad-deheb u ħaġar prezzjuż madwar għonq il-qaddisa bħala sinjal tal-protezzjoni tagħha fuq ir-riforma.[2]



Il-prospettiva ta' l-artal maġġur

San Ġużepp għandu wkoll post prominenti fil-kwadru fejn jidher qiegħed ipoġġi mantell ta' bjuda li tgħammex lil Santa Tereża nnifisha tiddeskrivi f'din il-viżjoni. Dan il-kwadru kbir ġarrab ħsarat kbar waqt it-Tieni Gwerra Dinjija meta kien qiegħed jiġi trasportat lejn il-kunvent tas-Silġ. Waqt *air raid* li daqq dak il-ħin dan il-kwadru li kien qed jinġarr fuq trakk, ħabat mal-mina ta' Santa Liena f'Bormla u ġratlu ħsara kbira. Wara li ntemmet il-gwerra kien ġie kkummissjonat il-pittur Anton Inglott biex jagħmel kwadru ġdid flok dak li tkisser imma b'xorti ħażina Inglott miet meta kien se jibda x-xogħol. Għalhekk il-kwadru l-antik ġie restawrat minn Ġużeppi Caruana ta' Marciol.[3]



Kwadri laterali tal-kor

## Il-Kwadri Laterali tal-Kor

Iż-żewġ kwadri kbar laterali li jirrappreżentaw il-Konverżjoni u t-trasverberazzjoni ta' Santa Tereża pittirhom Antonio Xuereb

fis-seklu 18 u tħallsu mill-familja tal-Gran Mastru Ximenes de Texada. Il-pirjol ta' dak iż-żmien l-Ispanjol Patri Filippu ta' San Nikola kien il-konfessur tal-familja ta' dan il-Gran Mastru.[4]

## L-Artal Maġġur



L-artal maġġur armat għall-festa

L-artal maġġur ta' l-irħam inħadem fl-1771 fuq id-disinn ta' Franġisk Zahra u ħallas għalih Mons. Carlo Defranchi. Zahra pitter ukoll il-bieb tat-tabernaklu li juri lil Kristu Salvatur u datata 1771. Il-gandlieri ta' l-injam li jintużaw fil-festa ta' Santa Tereża nħadmu mill-iskultur Xandru Farrugia fl-1841. L-erba' Evanġelisti saru minn Ġlormu Darmanin. Il-fjuretti tal-ganutilja tal-fidda kienu nħadmu fl-1951 mis-sorijiet tal-Monasteru ta' Sant'Orsla tal-Belt taħt id-direzzjoni ta' Madre Ursola Portelli. Is-sopra terħa rrakkmata bid-deheb saret minn P. Martin Borg Tereżjan fis-sena 1991. Is-sopra-kwadru li juri l-Missier Etern tpitter fl-1995 minn Anthony Spagnol.

## Ir-Relikwija tal-Kustilja ta' Santa Tereża



Ir-relikwa ta' Santa Tereża

Fil-31 ta' Awissu 1628[5], il-Ġeneral ta' l-Ordni, Patri Mattija ta' San Franġisk, ta lill-kunvent ta' Bormla, biċċa minn waħda mill-kustilji tas-Serafika Santa Tereża ta' Ġesù.. Din ir-relikwija insinji, tinsab magħluqa ġo ostensorju tal-fidda li kien mogħti mill-Kavallier Balliju De Vilaneuve u li kien in-neputi tal-Gran Mastru Antoine De Paule. L-arma tiegħu tinsab fuq l-ostensorju tar-relikwija.

## Il-Familja Testaferrata

Maż-żmien il-kappella Maġġuri ġiet mogħtija bħala ġuspatronat lin-Nobbli Paolo Testaferrata biex fil-kripta ta' taħtha jindifen hu u l-familjari tiegħu. Ma' l-art tal-presbiterju quddiem l-artal maġġur tpoġġiet lapida artistika li ġiet restawrata f'Settembru ta' l-2002, minn Ronald Pisani, li tfakkar il-mejtin ta' din il-familja nobbli Testaferrata. Il-lampier tal-fidda tal-kappella maġġuri sar fl-1713 u tħallas mill-Baruni Fabrizio Testaferrata.

**Noti:**

1 P. Ġorġ Aquilina, *Is-Sorijiet Gerosolimitani, il-Knisja u l-Monasteru ta' Sant'Ursola Valletta*. Ippubblikat mill-PEG Ltd. L-ewwel edizzjoni, p.77.

2 Din il-viżjoni seħħet fil-knisja tad-Dumnikani ta' Avila. Il-viżjoni tal-Madonna u San Ġużepp ilibbsu l-Qaddisa b'mantell ta' bjuda li tgħammex u tal-ħannieqa ta' ħaġar l-aktar prezzjuż ma' għanqha juru l-apprezzament lejha għax-xogħol li hija kienet qed twettaq għall-ġid ta' l-Ordni Karmelitan. Din ix-xena kienet impittra minn diversi artisti u kienet imsejħa bħala l-Inkoronazjoni ta' Santa Tereża.

3 Tagħrif orali mogħti lili minn Fra Ġużepp Gatt OCD li kien inkarigat mill-ġarr ta' dan il-kwadru kbir mill-kunvent ta' Bormla għal dak tas-Silġ Marsaxlokk fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

4 Il-kwadru laterali tal-kappella maġġuri flimkien ma' dawk tal-kappella tal-Madonna tal-Karmnu, kif ukoll oġġetti oħra tal-fidda mħallsa mill-familja tal-Gran Mastru Ximenes, għall-fatt li l-pirjol ta' dak iż-żmien l-Ispanjol P. Filippu Marija ta' San Nikola, kien għal ħafna snin konfessur tal-Prinċep tal-gżira l-Gran Mastru Don Francisco Ximenes de Texada u l-familja tiegħu, kif ukoll kavallieri oħra ta' l-istess nazzjonalità tiegħu.

5 Chronache del Convento, p.5.



*Il-lampier ta' l-artal maġġur*


HOMPESCH
STATION

**Daniel Attard** **Joseph Attard**

*Hompesch Station Ltd.*
*Bajada Street, Żabbar, Malta*
*Tel: 2166 6362*
*Fax: 2166 0175*

*VAT Nº: MT15749111*

Tow-in Service, mechanical repairs, punctures.